MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Numru 1131/14LM

**Orazio sive Grezzju Azzopardi (K.I. 827240M)**

***vs.***

**Anthony Azzopardi (K.I. 365066M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Diċembru, 2014 mill-attur **Orazio sive Grezzju Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

*Illi r-rikorrent huwa proprjetarju ta' diversi għodod, makkinarju u aġġeġġi oħra agrikoli (fosthom pompa tal-ilma sommerġibbli) li jinsabu fil-pussess tal-intimat.*

*Illi dawn l-għodod, makkinarju u aġġeġġi oħra agrikoli kienu jinżammu f'garaxx illi għandu l-intimat f'Bulebel iż-Żgħir fiż-żmien meta l-istess intimat kien jaħdem ir-raba' mar-rikorrent missieru.*

*Illi r-rikorrent huwa bidwi full-time u jaħdem madwar erbgħa u erbgħin tomna raba', għandu wkoll negozju tal-bejgħ tal-fjuri.*

*Illi l-pompa tal-ilma sommerġibbli msemmija iżjed 'il fuq, li, kif ingħad, hija proprjetà tar-rikorrent, kien jużaha l-intimat fiż-żmien meta kien jaħdem ir-raba' mar-rikorrent f'borehole li għandu l-istess intimat u li hija aċċessibbli mill-fuq imsemmi garaxx li għandu l-intimat f'Bulebel iż-Żgħir.*

*Illi wara li l-intimat ma baqax jaħdem ir-raba' mar-rikorrent, u r-relazzjonijiet bejniethom ħżienu, ir-rikorrent kien talab diversi drabi lill-intimat biex jgħaddilu lura dawn l-għodod, aġġeġġi u makkinarju u dan anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Jannar, 2014 iżda l-intimat baqa' inadempjenti.*

*Illi oltre dan, l-intimat għandu fil-pussess tiegħu diversi affarijiet oħra appartenenti lir-rikorrent illi r-rikorrent kien iżomm għand l-intimat fiż-żmien meta r-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin.*

*Illi dawn l-oġġetti jikkonsistu fost l-oħrajn f'pearl lights, żigarelli, switch board, lampi, tubi, pressure pipes, bozoz u affarijiet oħra simili li, f'dak iż-żmien, kienu qed jinżammu fil-fond residenzjali tal-intimat u cioe f'4, Casa Santa Rita, Triq Giuseppe Pace, Żabbar.*

*Illi oltre dan l-intimat għandu fil-pussess tiegħu pompa tal-ilma sommerġibbli oħra (oltre għal dik diġa hawn fuq deskritta) u l-pajpijiet tat-tisqija (circa ħames (5) rollijiet tal-40 u tliet (3) rollijiet tas-60) li jinsabu fir-raba' magħruf bħala 'Ta' Karusu' illi jaħdem l-intimat, liema oġġetti wkoll huma proprjetà tar-rikorrent.*

*Illi r-rikorrent talab lill-intimat biex jirritornalu u jgħaddilu lura anki dawn l-affarijiet, u dan anki permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali datata 20 ta' Jannar, 2014, iżda l-intimat baqa' inadempjenti.*

*Illi r-rikorrent għandu bżonn ta' dawn l-affarijiet li huma proprjetà tiegħu għax-xogħol tar-raba' u għan-negozju u għalhekk, fid-dawl tal-inadempjenza min-naħa tal-intimat, ir-rikorrent ma kellu ebda triq oħra għajr li jistitwixxi din il-kawża.*

*Illi oltre dan ir-rikorrent huwa intitolat li jitħallas tad-danni minnu sofferti bil-pussess u użu illegali u mingħajr titolu ta' dan il-makkinarju, għodod u dawn l-oġġetti da parti tal-intimat.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti -:*

*(i) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat qiegħed, kontra r-rieda tar-rikorrent, iżomm fil-pussess tiegħu u possibilment anke juża diversi oġġetti proprjetà tar-rikorrent fosthom għodod, makkinarju u aġġeġġi agrikoli, pompi sommerġibbli, pajpijiet tat-tisqija, pearl lights, żigarelli, switch board, lampi, tubi, pressure pipes, bozoz u oġġetti oħra kif aktar 'il fuq deskritti;*

*(ii) tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentroju li jiġu lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirritorna lir-rikorrent dawn il-makkinarju, għodod, aġġeġġi agrikoli u affarijiet oħra li jinsabu fil-pussess tiegħu;*

*(iii) tiddikjara illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għall-pussess u użu illegali u bla titolu ta' dan il-makkinarju, għodod u/jew oġġetti oħra da parti tal-intimat;*

*(iv) tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*

*(v) tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tad-danni kif likwidati lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, bl-imgħax legali u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Anthony Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*1. Illi preliminarjament ir-rikorrent irid jipprova li huwa għandu l-jedd għall-oġġetti kollha msemmija fir-rikors promutur.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent għandu l-jedd li jżomm oġġetti proprjetà tar-rikorrent sakemm jiġu ritornati lilu l-mobbli kollha proprjetà tiegħu li jinsabu fil-pussess tar-rikorrent, u konsegwentement kwalunkwe ordni biex oġġetti tar-rikorrent jittieħdu mill-pussess tal-esponent għandha tkun soġġetta għar-ritorn tal-mobbli kollha tal-istess esponent, skont kif elenkati fil-kontro-talba tal-esponent.*

*3. Illi għalhekk l-esponent m'huwiex jirrifjuta li r-rikorrent jieħu l-oġġetti tiegħu kemm-il darba jipprova li huma tiegħu u tiegħu biss, u wkoll wara li r-rikorrent*

*jirritorna l-oġġetti kollha proprjetà tal-esponent li jinsabu fil-pussess tal-istess rikorrent.*

*4. Illi l-pretensjoni tar-rikorrent kif proposta fit-tielet, ir-raba' u l-ħames talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi fl-ewwel lok l-esponenti ma għamel ebda użu u pussess illegali minn oġġetti li m'humiex proprjetà tiegħu u għalhekk m'hemm l-ebda danni li ġew rekati lir-rikorrent.*

*5. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, jispetta lir-rikorrent li jġib prova li fil-fatt sofra dannu, l-entità tad-dannu li sofra u li l-esponent huwa ħati għal dan l-istess dannu.*

*6. Konsegwentement it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Rat il-Kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant **Anthony Azzopardi,** ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tiegħu, li ġiet maħlufa minnu stess, li tgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-istanza attriċi u qiegħed jippromwovi din it-talba rikonvenzjonali tiegħu.*

2. *Illi l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *huwa proprjetarju ta' diversi għodod, makkinarju u oġġetti oħra agrikoli li jinsabu fil-pussess tar-rikorrent rikonvenut.*

3. *Illi sa minn l-età ta' madwar sbatax-il sena l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *kien jaħdem ir-raba' fuq inkarigu ta' missieru r-rikorrent rikonvenut, madankollu llum il-ġurnata ż-żewġ kontendenti jaħdmu diversi raba' separatament minn xulxin.*

4. *Illi wara li l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *waqaf jaħdem ir-raba' mar-rikorrent rikonvenut, l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *talab diversi drabi lir-rikorrent rikonvenut sabiex irodd lura l-għodda, makkinarju u oġġetti oħra proprjetà tal-istess rikonvenzjonant* (recte) *li baqgħu jinżammu u jintużaw mir-rikorrent rikonvenut, madankollu huwa baqa' inadempjenti.*

5. *Illi l-oġġetti li r-rikorrent rikonvenut qiegħed jirrifjuta milli jrodd lura lill-esponent rikonvenzjonant* (recte)*, li kienu jinżammu mir-rikorrent rikonvenut meta r-relazzjoni ta' bejniethom kienet għadha tajba jikkonsistu fost oħrajn fi tractor bil-gaffa mudell 1358, tractor bil-gaffa model 165, combined harvester mudell M31, baler john deyer, lembut taż-żriegħ tal-qamħ, karru tad-demel, sikka ta' bi tnejn, ripper ta' 6 piedi, geddiesa mudell Kuhn, pompa tal-ħama, mutur ta' rota waħda, tank tal-bexx komplut bil-liner ta' 400 litru, mutur tal-ħart (lombardini), mutur tal-ħart (petrol), pompa tal-ilma (2 inch electric single phase), pompa tal-ilma (3 phase), mutur tal-ħart mudell Koti-m (titan), driller metabo tal-idejn, power wash, żewġ rollijiet pajpijiet tal-200 metru, 8 rollijiet pajpijiet tal-40 pulzier tal-100 metru, roll tat-63 pulzier tal-100 metru, 104 sprinklers (3/4 inch), 40 sprinklers (180 degrees), lot sostanzjali ta' cocks u fitings oħra u diversi oġġetti simili.*

6. *Illi minkejja li l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *talab diversi drabi lir-rikorrent rikonvenut sabiex iroddlu lura dawn il-mobbli kollha, huwa baqa' inadempjenti.*

7. *Illi l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *għandu bżonn ta' dawn il-mobbli li huma proprjetà tiegħu għax-xogħol tar-raba' u għan-negozju.*

8. *Illi inoltre l-esponent rikonvenzjonant* (recte) *huwa intitolat li jitħallas tad-danni minnu sofferti bil-pussess u użu illegali u mingħajr titolu ta' dawn il-mobbli da parti tar-rikorrent rikonvenut.*

9. *Illi għalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali.*

*Jgħid għalhekk ir-rikorrent rikonvenut għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex:*

i. *Tiddikjara li r-rikorrent rikonvenut qiegħed kontra r-rieda tal-esponent rikonvenzjonant* (recte)*, iżomm fil-pussess tiegħu u anke jagħmel użu ta' diversi oġġetti proprjetà tal-esponent rikonvenzjonant* (recte) *fosthom għodod, makkinarju u oġġetti agrikoli hawn fuq indikati, u oġġetti oħra proprjetà tal-esponent rikonvenzjonant* (recte)*;*

ii. *Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirritorna lill-esponent rikonvenzjonant* (recte) *dawn l-għodod, makkinarju u l-oġġetti agrikoli u mobbli oħra li jinsabu fil-pussess tar-rikorrent rikonvenut;*

iii. *Tiddikjara li r-rikorrent rikonvenut għandu jħallas lill-esponent rikonvenzjonant* (recte) *dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għall-pussess u użu illegali u bla titolu ta' dan il-makkinarju, għodod u oġġetti oħra da parti tar-rikorrent rikonvenut;*

iv. *Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*

v. *Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut għall-ħlas tad-danni kif likwidati lill-esponent rikonvenzjonant* (recte).

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent rikonvenut li qiegħed jiġi minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur rikonvenzjonat **Orazio sive Grezzju Azzopardi** għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant, li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn Orazio sive Grezzju Azzopardi nnifsu, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat rikonvenzjonant huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimat rikonvenzjonant stante illi l-esponent mhux qed iżomm fil-pussess tiegħu ebda għodda, makkinarju, jew oġġetti oħra proprjetà tal-imsemmi intimat rikonvenzjonant, kif minnu pretiż, għajr għal għodda, makkinarju u oġġetti oħra illi nxtraw mill-istess esponent anke jekk dawn jippretendi t-titolu fuqhom l-imsemmi intimat rikonvenzjonant.*

2. *Illi, konsegwentement, l-esponent ma kkawża ebda danni lill-intimat rikonvenzjonant iżda bil-kontra, huwa l-intimat rikonvenzjonant illi kkawża danni lill-esponent.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva ppreżentata mill-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur huwa bidwi *full-time* u bħala tali għandu fil-pussess tiegħu madwar erbgħin (40) tomna raba' f'diversi postijiet f'Malta li fil-passat kienu jinħadmu minnu u li maż-żmien bdew jaħdmu fihom ukoll ulied l-attur, fosthom ibnu Anthony Azzopardi, il-konvenut. Illum il-ġurnata jidher li wħud minn uliedu jaħdmu għal rashom u m'għadx għandhom x'jaqsmu man-negozju li jiġġestixxi l-missier. Il-konvenut ilu li waqaf mix-xogħol li kellu ma' missieru sa mill-aħħar ta' Settembru tas-sena 2012. Il-kwistjoni odjerna nqalgħet wara li l-attur kien ħalla xi makkinarju u apparat li allegatament hu kien akkwista biex jintuża fl-

azjenda agrikola tiegħu, f'postijiet li huma fil-pussess tal-konvenut, fosthom f'garaxx f'għalqa f'Bulebel iż-Żgħir, u anki fir-residenza tal-konvenut, liema makkinarju u apparat l-attur jippretendi li huma tiegħu *stante* li huwa jsostni li ħallas għalihom hu. Il-konvenut ċaħħad lil missieru milli jkollu aċċess għall-oġġetti allegatament appartenenti lilu wara diżgwid li nqala' bejn il-partijiet. L-attur jikkontendi li dawn l-għodod, li jagħti elenku ta' x'inhuma f'dokumenti esebiti minnu, huma kollha tiegħu *stante* li ġew mixtrija minnu, filwaqt li hemm oġġetti oħra fil-pussess tal-konvenut u li huma proprjetà ta' ħutu l-bniet li madankollu mhumiex parti fil-kawża odjerna. L-attur jgħid li biex inxtraw ħafna mill-għodod u makkinarju li llum jinsabu fil-pussess tal-konvenut, kien ikun hu li jagħti l-flus lil ibnu sabiex dan imur jixtri l-oġġetti meħtieġa, madankollu dawn l-oġġetti kienu dejjem jiġu akkwistati għal u f'isem l-attur. L-oġġetti li jinxtraw kienu jinkludu wkoll ġwież, żrieragħ, kif ukoll għodda u makkinarju skont il-bżonn. L-attur jgħid li l-azjenda tiegħu kienet strutturata b'tali mod li hu kien joħroġ l-ispejjeż kollha marbuta man-negozju, u qligħ u telf kien isofrihom hu, filwaqt li wliedu kienu jaħdmu miegħu bil-paga.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jsostni li hu beda jirċievi l-paga mingħand missieru biss meta żżewweġ u li qabel ma żżewweġ missieru kien jgħaddilu biss ammonti żgħar ta' flus, u dan minkejja li kif xehed il-konvenut stess, kien jaħdem erbgħin tomna raba' waħdu u kien iqatta' ħinijiet twal jaħdem l-għelieqi. Jgħid ukoll li maż-żmien hu ħa l-pussess ta' raba' ieħor, inkluż raba' tal-Gvern li kien abbandunat, kif ukoll raba' li wiret mingħand il-familja tal-mara tiegħu, u li fil-bidu li hu akkwista dan ir-raba' kien jaħdmu saħansitra bil-lejl. Il-konvenut jgħid li mal-medda taż-żmien hu ħass il-ħtieġa li jibda jixtri xi

għodda u apparat li jista' jintuża fir-raba' biex jiffaċilita x-xogħol tiegħu stess, u li dawn l-affarijiet hu kien qiegħed jixtrihom minn butu, u għalhekk dawn mhumiex proprjetà ta' missieru. Il-konvenut jelenka liema huma l-oġġetti li skont hu jappartjenu lilu minkejja li għadhom sal-lum fil-pussess ta' missieru, l-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Orazio sive Grezzju Azzopardi** fl-*affidavit* tiegħu[1] xehed li hu kellu fil-pussess tiegħu mal-erbgħin (40) tomna raba' f'Ħaż-Żabbar, Ħal Far u s-Siġġiewi. Apparti li huwa bidwi *full-time*, hu għandu wkoll negozju tal-bejgħ tal-fjuri. Il-konvenut, li huwa wieħed mill-erba' wlied tal-attur, għamel żmien jaħdem ir-raba' miegħu, filwaqt li żewġt itfal oħra tal-attur, Mary Grace u Marthese, jgħinu lil missierhom fin-negozju tiegħu. L-attur xehed li l-konvenut beda jaħdem miegħu meta spiċċa mill-iskola u baqa' jaħdem miegħu sal-aħħar ta' Settembru 2012. L-attur jgħid li l-inġenji, il-makkinarju u l-attrezzaturi kollha li kienu jintużaw fix-xogħol tar-raba' tiegħu kienu kollha proprjetà tiegħu. Il-konvenut kien impjegat miegħu bil-paga, għalkemm f'xi żmien qaleb ir-reġistrazzjoni tiegħu għal bidwi *self-employed* peress li kien tħajjar jieħu l-qbiela ta' xi raba' tal-Gvern. Dan fl-istess waqt li baqa' jaħdem ma' missieru bil-paga. L-attur jgħid li biex seta' jaħdem dan ir-raba' kollu, tul is-snin kellu jinvesti f'attrezzatura, inġenji u makkinarju ieħor meħtieġ għal dan ix-xogħol. Ir-raba' tal-Gvern li akkwista ibnu l-konvenut kien biswit ir-raba' tal-attur. Fuq

[1] *A fol.* 12 sa 14.

dan l-istess raba' l-attur kien għen lil ibnu Anthony jibni garaxx sabiex fih ikunu jistgħu jitpoġġew l-inġenji u l-għodod li kellhom. L-attur jgħid li meta nqala' diżgwid bejnu u bejn ibnu, dan tal-aħħar irrifjuta li jirritornalu l-oġġetti li kienu proprjetà tiegħu. L-attur jgħid li hu m'għandux aċċess għall-garaxx f'Bulebel iż-Żgħir, u li għalhekk il-lista tal-oġġetti tiegħu li jinsabu fil-pussess ta' ibnu tinkludi biss dak li hu seta' jiftakar mill-memorja, u li jista' jkun li hemm oġġetti proprjetà tiegħu li hu nesa x'inhuma. L-attur jgħid li hemm oġġetti li huma proprjetà tiegħu fir-residenza ta' ibnu, liema residenza ġiet akkwistata mill-attur u martu, f'isem binhom Anthony, konvenut f'din il-kawża. L-attur xehed li l-istruttura tan-negozju tiegħu hi li r-raba' jaħdmu kollu hu fis-sens illi l-ispejjeż joħroġhom kollha hu, filwaqt li wliedu u l-impjegati l-oħra kienu jaħdmu miegħu bil-paga. Xehed ukoll li fl-istruttura ta' dan in-negozju, bintu ż-żgħira, Marthese Azzopardi, kienet tieħu ħsieb ix-xogħol tal-kitba, u li din kienet iżżomm reġistru ta' dak li jkun tħallas, dak li jkun inxtara, xi spejjeż ikunu saru u xi ħlasijiet ikun hemm.

Ix-xhud **Marthese Azzopardi** fl-*affidavit* tagħha tgħid[2] li hi tiġi bint l-attur u oħt il-konvenut u li ilha taħdem ma' missierha sa minn meta kellha sittax (16)-il sena. Ix-xogħol tagħha fin-negozju ta' missierha għandu x'jaqsam mal-bejgħ tal-fjuri, u tmexxi ħanut ġewwa Sqaq Ganton, Ħaż-Żabbar. Ix-xhud ikkonfermat li n-negozju kollu tar-raba' kien fuq missierha l-attur, filwaqt li wliedu u l-lavranti kienu jaħdmu miegħu bil-paga. Ikkonfermat ukoll li l-ispejjeż kollha marbuta man-negozju kien joħroġhom l-attur. Ix-xhud tgħid ukoll li missierha kien iżomm ħafna affarijiet fil-garaxx u fil-*basement* tad-dar residenzjali tal-konvenut, fejn hemm ukoll affarijiet marbuta man-negozju tal-

[2] *A fol.* 15 u 16.

fjuri. Qalet ukoll li fid-dar tal-konvenut hemm oġġetti personali tagħha bħal sufan u pożambrella antiki.

Ix-xhud **John Bonavia** li jiġi r-raġel ta' Mary Grace Bonavia t-tifla tal-attur, fl-*affidavit* tiegħu[3] jikkonferma li fid-dar tal-konvenut hemm oġġetti li saħansitra jappartjenu lilu, bħalma hi mastra, *welding set,* u ħadid tat-taraġ tad-dar ta' Bonavia. Ix-xhud jispjega li l-mastra hi biċċa għodda antika li tiswa ħafna flus, u illi hu kien taha lill-attur.

Ix-xhud **Mary Grace Bonavia**, bint l-attur, u oħt il-konvenut, fl-affidavit tagħha[4] tikkonferma li hi taħdem fin-negozju ma' missierha f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ tal-fjuri. Bonavia tikkonferma li l-għodod u l-makkinarju inkwistjoni huma ta' missierha u li hi taf bħala fatt li hemm ċertu għodod li ġew akkwistati mingħand ċertu Frans Borg. Mary Grace Bonavia tikkonferma li darba minnhom dan Frans Borg mar fil-garaxx ta' missierha u hi semgħetu jgħid li missierha (l-attur) kien tah ħamest elef euro (€5,000) għal għodda li missierha xtara mingħandu. Ix-xhud tispjega li hi personalment taf li missierha kien iżomm affarijiet fil-garaxx u fil-*basement* tad-dar ta' ħuha Anthony Azzopardi, fosthom affarijiet li jintużaw fix-xogħol tal-fjuri, bħal żigarelli, *pearl lights*, *cellophane* u bosta affarijiet oħra. Hi tgħid li ħuha l-konvenut kien rama bin-negozju tal-fjuri wara li telaq minn ma' missierha, u li għadu jagħmel dan ix-xogħol sal-lum. Bonavia tgħid li ħuha kien diġà beda jaħseb għal rasu minn qabel ma telaq minn ma' missierhom, u li qabel ma telaq kien diġà beda jarma b'dan ix-xogħol.

---

[3] *A fol.* 56.
[4] *A fol.* 58 u 59.

Wara li ġiet ippreżentata r-risposta bil-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti, l-attur **Orazio sive Grezzju Azzopardi** ppreżenta *affidavit* addizjonali[5] fejn ċaħad li hu għandu fil-pussess tiegħu makkinarju u oġġetti oħra tar-raba' li huma proprjetà tal-konvenut. L-attur jispjega li hu minn dejjem ħadem fix-xogħol tar-raba' u li l-konvenut kien impjegat miegħu. L-attur jgħid illi li kieku huwa minnu li l-għodda u l-makkinarju li rrefera għalihom il-konvenut huma tiegħu (tal-konvenut), l-attur kien ikun qiegħed jaħdem bi ħwejġu, fattur li jkun ifisser li l-imgħallem huwa l-konvenut u mhux l-attur. L-attur itenni li l-inġenji huma tiegħu u li kien hu li ħallas għalihom. L-attur jgħid li ħafna drabi kien ikun hu li jagħti flus lil ibnu Anthony biex imur jixtri bihom, iżda b'dan ma jfissirx li dawn l-affarijiet huma tal-konvenut, għaliex il-flus biex jixtraw kien joħroġhom hu, l-attur. L-attur xehed li t-*tractor* bil-gaffa mudell 1358 kien wieħed mil-lott ta' makkinarju mixtri mingħand Frans Borg, u li l-oġġetti kollha mixtrija mingħand Frans Borg kien ħallas għalihom hu, l-attur. It-*tractor* bil-gaffa mudell 165 ukoll inxtara mingħand Frans Borg, u dan mhuwiex fil-pussess tal-attur, iżda għadu għand il-mekkanik, ċertu Wistin Camilleri minn Ħaż-Żabbar, li wkoll xehed f'dawn il-proċeduri. L-attur jgħid li l-*combined harvester* mudell M31 ukoll kien ġie akkwistat flimkien mal-għodda l-oħra li nxtrat mingħand Frans Borg, u li dan ilu żmien twil bil-ħsara, liema ħsara kkawżaha l-konvenut. Orazio Azzopardi jispjega li l-*baler john dyer,* il-lembut taż-żriegħ tal-qamħ, il-karru tad-demel u l-geddiesa, ukoll kienu parti mil-lott li ġie akkwistat mingħand Frans Borg. Is-sikka ta' bi tnejn u r-*reaper* ukoll ġew akkwistati mill-attur mingħand Frans Borg, iżda dawn jinsabu fil-pussess tal-konvenut u mhux bil-kontra, u għalhekk huwa l-konvenut li jrid iroddhom lura lilu. L-attur jispjega li l-pompa tal-ħama kienet

[5] *A fol.* 81 sa 83.

ingħatat lilu minn ħut Frans Borg li kellhom obbligazzjoni lejh. Il-mutur ta' rota waħda wkoll ħallas għalih l-attur, għalkemm issa l-konvenut qiegħed jgħid li hu tiegħu. L-attur għamel riferiment għat-tank tal-bexx ta' mitejn (200) litru li semma l-konvenut fil-kontrotalba tiegħu, u qal li dan ukoll huwa parti mil-lott affarijiet li nxtraw mingħand Frans Borg, u li l-flus għalih ħariġhom hu. L-attur jikkonferma li t-tank qiegħed fil-pussess tiegħu, iżda l-*liner* qiegħed għand il-konvenut, u għalhekk il-konvenut hu obbligat li jroddulu lura. L-attur jikkonferma li fir-rigward tat-tank tal-bexx ta' erba' mitt (400) litru, dan inxtara mingħand Gaetano Caruana Ltd bi flus li l-attur kien ta lill-konvenut, għalkemm il-konvenut qed jgħid li hu tiegħu. F'dan il-każ ukoll, il-*liner* qiegħed għand il-konvenut. L-attur jispjega li l-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart petrol, ħallas għalihom hu u jinsabu fil-pussess tiegħu. Illi għar-rigward tal-mutur tal-ħart Koti-m, l-attur jgħid li dan kien akkwistah mingħand familjari tal-mara ta' ibnu l-ieħor Raymond Azzopardi. L-attur jgħid li d-*driller* tal-idejn kien inxtara minnu. Madankollu l-attur jgħid li l-*power wash* li tinsab fil-pussess tal-konvenut ma kienx hu li ħallas għaliha, u għalhekk il-konvenut jista' jżommha. L-attur jgħid ukoll li hu fil-pussess tiegħu m'għandu l-ebda rollijiet ta' pajpijiet, *sprinklers, cocks* u *fittings* u *spare parts* oħra li jappartjenu lill-konvenut. Li għandu fil-pussess tiegħu huma biss pajpijiet tiegħu u mhux tal-konvenut, u li għall-kuntrarju ta' dak allegat mill-konvenut fil-kontrotalba tiegħu, huwa l-konvenut li għandu fil-pussess tiegħu pajpijiet u *sprinklers* u affarijiet tat-tisqija li huma proprjetà tal-attur. L-attur temm ix-xhieda tiegħu billi qal li hu ġieli ta flus lill-konvenut biex dan imur jixtri xi affarijiet għar-raba' tiegħu mill-Italja, u li ġieli tah affarijiet bħal bexx minħabba li l-konvenut kien bil-paga u ma setax jixtri dawn l-affarijiet.

Il-konvenut **Anthony Azzopardi** fl-*affidavit* tiegħu[6] jgħid li hu u missieru ilhom snin twal fix-xogħol tar-raba', wara li sa minn età żgħira (meta kellu madwar tnax-il sena) hu waqaf mill-iskola biex ikun jista' jgħin lil missieru fix-xogħol tar-raba'. Il-konvenut jgħid li wara li għalaq tnax-il-sena, hu reġa' beda jattendi l-iskola fl-Għammieri sabiex jitgħallem is-sengħa tal-biedja, u beda jaħdem bħala student-ħaddiem mal-Gvern. F'dan iż-żmien inzerta li missieru kellu klijentela tajba u x-xogħol kien dejjem qed jiżdied, u għalhekk l-attur kien talab lill-konvenut biex jieqaf minn student-ħaddiem biex ikun jista' jgħin lil missieru fin-negozju. Minkejja dan, Anthony Azzopardi jgħid li missieru ma kienx iħallsu tax-xogħol li jagħmel, u li l-ewwel darba li ħa paga kien fl-1998, eżattament kif iżżewweġ, meta qala' l-ammont ta' mitejn u tletin Liri Maltin (LM230). Mill-bqija, l-konvenut jistqarr li missieru kien jgħidlu li l-paga qiegħed ifaddalhielu hu. Anthony Azzopardi jikkonferma li sa dak iż-żmien hu kien għadu qatt ma xtara inġenji tiegħu, iżda fis-sena 1999, missier il-mara tiegħu kien qaleb fuqu l-qbiela ta' xi għelieqi li kellu x-Xgħajra, u dan sabiex jgħinu jkollu introjtu aħjar. Il-konvenut xehed li hu kien ħaffer *borehole* f'dan ir-raba', u peress li missier il-mara tiegħu u l-attur kienu ħbieb, tal-ewwel kien ħalla lill-attur jibda jħawwel xi fjuri f'dan ir-raba'. Il-konvenut ikompli jgħid li għalkemm fil-bidu li huwa ġie rikonoxxut fil-qbiela ta' dan ir-raba' hu kien jieħu d-dħul kollu minn dan ir-raba', ftit taż-żmien wara r-raba' fix-Xgħajra ġie kkapparrat minn missieru, li beda jaħdmu, bl-għajnuna tat-tfal tiegħu, u jżomm id-dħul minnu hu. Il-konvenut ikompli jgħid li f'dan iż-żmien hu spiċċa jaħdem aktar minn qatt qabel, u li bis-saħħa ta' dan ir-raba', gawdiet il-familja kollha ta' missieru, inkluż ħutu (ħut il-konvenut).

[6] *A fol.* 98 sa 104.

Il-konvenut jgħid li b'kollox missieru għandu mal-erbgħin (40) tomna raba', u li wara s-sena 2003, il-parti l-kbira tax-xogħol tar-raba' waqa' fuq il-konvenut, u dan minħabba li ħuh Raymond Azzopardi waqaf jaħdem ma' missieru, u missieru kien beda jnaqqas mix-xogħol. Fis-16 t'Awwissu, 2000, ċertu Franġisku Grech dawwar raba' ieħor fuq isem il-konvenut[7], u kien f'dan iż-żmien li l-konvenut irreġistra ruħu bħala *self-employed*. Hu beda jaħdem ir-raba' li kien għadu kif dar fuq ismu fil-ftit ħin li kien jibqgħalu wara li jkun lesta ġurnata twila ta' xogħol ma' missieru, u d-dħul minn dan ir-raba' f'Bulebel iż-Żgħir beda jieħdu kollu għalih il-konvenut. Anthony Azzopardi jkompli jispjega li bħal fil-każ tar-raba' tax-Xgħajra, missieru l-attur ma damx ma beda jiżra' l-affarijiet tiegħu f'dan ir-raba' wkoll, u bil-mod il-mod spiċċa biex ikkapparrah, tant li d-dħul kollu minn dan ir-raba' kien qed iżommu għalih. Dan minkejja l-fatt li l-qbiela kienet qiegħda titħallas mill-konvenut. Anthony Azzopardi xehed li missieru qatt ma ried jixtri l-makkinarju biex jiffaċilitalu ħajtu, u kien għalhekk li kellu jibda jinvesti fil-makkinarju hu. Il-konvenut jispjega kif it-tank tal-bexx li nxtara mingħand Gaetano Caruana Ltd[8] seta' jakkwistah wara li tħallas għal biċċa xogħol li kien għamel fir-raba'. Kompla jgħid li fis-sena 2002, inħariġlu permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jibni garaxx f'dan ir-raba'[9], u ppreżenta kopja ta' sentenza mogħtija t-Tribunal għal Talbiet Żgħar[10] wara li rriżulta li l-planki li nxtraw għall-bini ta' dan il-garaxx kienu difettużi u kellha ssir kawża dwar dan. Il-konvenut, kuntrarjament għal dak li xehed l-attur, qal li mhux minnu li l-garaxx kien bnieh missieru. Il-konvenut ippreżenta wkoll irċevuti tal-konkos li kien ħallas għalih hu[11], flimkien ma'

[7] *A fol.* 105 sa 108.
[8] *A fol.* 109.
[9] *A fol.* 111 sa 114.
[10] *A fol.* 115 sa 119.
[11] *A fol.* 120 u 121.

dokumentazzjoni oħra li turi l-kalkoli ta' kemm kien hemm bżonn ġebel u materjali oħra li fuqhom kienet ittieħdet nota li kien ħallas għalihom il-konvenut.[12] Il-konvenut jispjega kif matul is-snin, hu baqa' jixtri għodda u makkinarju ieħor li m'għandux il-pussess tagħhom minħabba li għadhom miżmuma minn missieru, l-attur f'din il-kawża. Fl-*affidavit* tiegħu, l-konvenut Anthony Azzopardi għamel riferiment għal skrittura privata li kienet ġiet iffirmata bejnu u Frans Borg għax-xiri ta' xi makkinarju.[13]

Il-konvenut, fl-*affidavit* pjuttost estensiv tiegħu, jgħid li wara s-sena 2001, minkejja li kien irreġistrat bħala *self-employed*, kien għadu jaħdem bil-paga għal missieru, għal tul ta' ħin konsiderevoli. Hu xehed li minkejja li kien impjegat, hu kien jixtri diversi aġġeġġi għar-raba', fosthom pajpijiet, *sprinklers*, *fittings* u oġġetti oħra tal-għelieqi, u li meta hu waqaf jaħdem ma' missieru, parti konsiderevoli minn dawn l-għodod ittieħdu mill-għalqa tiegħu minn missieru, l-attur. Il-konvenut sostna dan kollu bil-preżentata ta' irċevuti tax-xiri ta' dawn l-oġġetti.[14]

Il-konvenut jispjega kif missieru ġieli kien jibagħtu jixtri oġġetti relatati max-xogħol tar-raba'. Il-flus għax-xiri tal-materjali kienet tagħtihomlu oħtu wara li hu jgħaddilha l-irċevuti ta' dak kollu li jkun nefaq. Spjega kif missieru kien iħobb ikollu kontroll fuq kollox, u li jekk ma kienx jippreżenta rċevuti, il-ħlas għall-oġġett mixtri ma kienx jirċevih. Saħansitra meta missieru kien jibagħtu jixtri minn Sqallija, dejjem ġab il-fatturi u dokumentazzjoni relatata.

[12] *A fol.* 124 sa 130.
[13] *A fol.* 131 datata 23.08.2004.
[14] *A fol.* 132 sa 174.

Illi skont kif xehed il-konvenut, wara xi żmien huwa kien iddeċieda li jieqaf jaħdem ir-raba' li għaddielu l-kunjatu u raba' ieħor li kellu f'ismu fl-istess ħin li kien jaħdem għal missieru, u ddeċieda li jibda jaħdem dan ir-raba' fil-ħin limitat li kien jibqagħlu wara ġurnata ħidma fir-raba' ta' missieru, u dan biex id-dħul minn dan ir-raba' jieħdu hu. Il-konvenut jgħid li kien hemm makkinarju, bħalma hi l-*combined harvester* li hu xtara biex ikun jista' jġib il-permess tal-garaxx. Sostna li kien qiegħed jinvesti għall-futur, biex ikollu biex jaħdem, minħabba li missieru qatt ma ried jinvesti u ried jibqa' jaħdem b'għodod antiki li spiss kienet tiġrilhom il-ħsara. Irrakkonta inċident partikolari fejn waqt li hu u missieru kienu qed jibnu xi serer, missieru spiċċa kisirlu l-għarqub ta' siequ minħabba li l-magna li kien qiegħed jaħdem biha kienet waħda antika. Il-konvenut jispjega li hu kien irnexxielu jixtri dawn l-affarijiet minħabba li sab l-għajnuna mingħand familjari tal-mara tiegħu. Hu xehed li kien xtara *potato seeder* mingħand ċertu Philip Pulis, u meta l-partijiet iġġieldu, il-missier allega li kienet tiegħu. Il-konvenut jgħid li hekk kif talab lil missieru jirritornalu l-għodda u l-makkinarju tiegħu, dan irrifjuta u beda jallega li serqu, u allegatament qallu li jrid joqtlu bil-ġuħ.

Il-konvenut ippreżenta elenku ta' makkinarju li huwa kollu proprjetà tiegħu u li huwa fil-pussess ta' missieru[15], liema makkinarju kien jintuża mill-konvenut fl-għalqa ta' missieru, fl-għalqa li ġiet iġġirata f'ismu mingħand missier il-mara, kif ukoll f'raba' ieħor tal-Gvern li l-konvenut akkwista f'ismu iżda li m'għandux aċċess għalih wara li missieru għamillu xatba biex ma jkunx jista' jaċċedi għal dan ir-raba'. Il-konvenut jgħid li kemm missieru kif ukoll ħutu għandhom iċ-ċavetta tal-garaxx mibni fuq ir-raba' mikri lilu, u għalhekk għandhom aċċess

[15] *A fol.* 175 u 176.

għalih. Qal li missieru qiegħed jippretendi xi jedd fuq il-vetturi li jinsabu rreġistrati f'isem il-konvenut, u dan minkejja li meta missieru xtara inġenji bħal trakk, gaffa u vann, kien ħa ħsieb li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun fuq isem il-konvenut. Il-konvenut esebixxa kopja tal-*log book* tat-*tractors*[16] li huma tiegħu, u li qegħdin għand missieru, u li missieru l-attur qiegħed jirrifjuta li jirritornalu.

Il-konvenut ikompli jgħid li apparti li missieru kien ikkapparra raba' li hu kellu fuq ismu, għal snin twal dan uża l-*basement* tar-residenza tal-konvenut bħala maħżen, u l-istess għamlu ħutu l-bniet, Marthese u Mary Grace. Dawn l-oġġetti relatati man-negozju tal-familja, baqgħu fil-*basement* tal-konvenut u ħadd qatt ma ħallsu għall-okkupazzjoni minkejja li hu diversi drabi talabhom ineħħu dawn l-oġġetti minn hemm. Il-konvenut jikkonkludi l-*affidavit* tiegħu billi jgħid li missieru għandu jroddlu lura l-oġġetti tiegħu, u kemm hu kif ukoll ħutu għandhom iħallsu kumpens xieraq għall-okkupazzjoni tal-ispazju fil-*basement* tiegħu b'oġġetti tagħhom.

In kontroeżami, l-attur Orazio sive Grezzju Azzopardi[17] eżita li jwieġeb dwar jekk hu kienx jagħti salarju fix-xahar lill-konvenut tax-xogħol li kien jagħmel miegħu, u minflok ma ta risposta ċara wieġeb biss, "Meta żżewweġ beda jitħallas żgur." Mistoqsi jaqbilx li qabel ibnu żżewweġ hu ma kienx joħroġlu paga, hu wieġeb, "Kont inħallsu iva". Aktar tard ikkonferma li l-ħlas tax-xogħol kollu li ibnu kien jagħmel tul sena sħiħa xogħol kien ta' elf Lira Maltin, li kienu jitħallsu lil ibnu darba fis-sena, proprju fl-aħħar tas-sena, u għaldaqstant din il-Qorti hawnhekk iriskontrat l-ewwel diffikultà serja dwar kemm hu kredibbli l-

[16] *A fol.* 177 sa 179.
[17] *A fol.* 191 sa 221 u 370 sa 371.

attur f'dak kollu li xehed. L-attur, fil-kontroeżami li sarlu, ikkonferma li ibnu l-konvenut kien jaħdem sigħat twal, u li kien jaħdem erbgħin (40) tomna raba' waħdu. L-attur jikkonferma li l-qligħ minn fuq dan ir-raba' kien jieħdu hu l-attur u li l-ispejjeż assoċjati max-xogħol tar-raba' kien jagħmilhom hu l-attur ukoll, u dan anki fir-rigward tar-raba' li l-konvenut kien akkwista mingħand nies il-mara tiegħu u mid-Dipartiment tal-Artijiet. L-attur ikkonferma wkoll li hu beda jżomm rendikont bid-dħul u l-ħruġ biss meta kienet għokritu għajnu li l-konvenut kien qed iqarraq bih. Waqt il-kontroeżami li sar lill-attur, dan jallega li huwa kien ħallas direttament lil Frans Borg ħamest elef Euro (€5000) bħala l-prezz komplessiv tal-makkinarju kollu mixtri mingħandu, li però l-attur jallega li Frans Borg kien iddeskriva bħala "gozz ħadid".

Waqt dan il-kontroeżami ħarġu diversi inkonsistenzi fir-risposti li beda jagħti l-attur. Mistoqsi għal liema raġuni dawn l-inġenji (fosthom vetturi, bħal *tractors*) kienu rreġistrati f'isem Anthony Azzopardi, hu wieġeb li dan sar b'qerq minn wara dahru u li minkejja li skont hu, ibnu Anthony kien jgħidlu biex dawn l-għodod jitfagħhom fil-garaxx (preżumibbilment l-istess garaxx li nbena fuq ir-raba' tal-konvenut f'Bulebel iż-Żgħir), hu l-attur li għandu l-pussess ta' dawn l-inġenji. Kuntrarjament għal dak li xehed il-konvenut, Orazio sive Grezzju Azzopardi, l-attur, jgħid li ċ-ċavetta tal-garaxx qiegħda għand l-konvenut u li hu m'għandux aċċess għalih.

Sar ukoll il-kontroeżami ta' **Marthese Azzopardi**, bint l-attur, li wieġbet[18] li l-konvenut kien jixtri makkinarju u inġenji oħra u li kien jitħallas għal kollox mill-missier, l-attur, u li ma tafx jekk ħuha kienx jixtri makkinarju tiegħu personali.

[18] *A fol.* 343 sa 348.

Mistoqsija taqbilx li huma l-aħwa ma kinux jitħallsu mill-missier ta' xogħolhom, ix-xhud wieġbet li kienu jitħallsu – "Kien jagħtina xi ħaġa kull wieħed żgur. Lili ħa nitkellem fuqi kien jitfagħhomli l-bank, però lil ħuti kien jagħmlilhom ukoll. Fl-aħħar tas-sena kien jagħtina xi ħaġa kull wieħed."

Sar ukoll il-kontroeżami ta' **Mary Grace Bonavia**,[19] li meta mistoqsija dwar jekk hi u ħutha hux dejjem kellhom il-paga, din wieġbet "dejjem kien jitfgħalna l-bank jew fl-aħħar tas-sena jagħtina xi ħaġa, però li kellna bżonn konna neħduh." Madankollu hi naqset li tikkonferma jekk hi u ħutha kinux jieħdu paga fissa fl-aħħar tax-xahar, għalkemm meta mistoqsiha jekk il-paga hi u ħutha bdewx jirċevuha minn wara li żżewġu, din wieġbet fl-affermattiv. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li x-xiri kien isir minn Anthony Azzopardi, u li missierhom kien itih il-flus għal dan l-iskop. Mistoqsija dwar l-akkwist ta' inġenji mingħand Frans Borg, Mary Grace Bonavia wieġbet li darba semgħet konverżazzjoni fejn dan Frans Borg kien qalilha li mnalla kien missierha (l-attur) għalih għax ħarġu mill-problemi meta tah ħamest elef Euro għal gozz ħadid.

**Stephen Cachia**, rappreżentant ta' Transport Malta, xehed[20] li saru riċerki fuq tliet vetturi għar-rigward ta' fuq min huma rreġistrati. Irriżulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBF 435, li hu Massey Ferguson *agricultural tractor* hi rreġistrata f'isem Anthony Azzopardi, u li din il-vettura ilha hekk irreġistrata sa mis-27 ta' Frar, 2004. Il-vettura FBH 781 ukoll hi *tractor* tat-tip Massey Ferguson, u din irriżulta li hi rreġistrata f'isem il-konvenut ukoll, u li ilha rreġistrata f'ismu sa mill-24 ta' Settembru, 2004. Il-vettura BAI 564 ukoll hi

[19] *A fol.* 255 sa 279.
[20] *A fol.* 284 sa 285.

Massey Ferguson, u wkoll irriżulta li hi rreġistrata f'isem Anthony Azzopardi, u li ilha hekk irreġistrata sa mit-28 ta' Marzu, 2007.

In kontroeżami il-konvenut **Anthony Azzopardi**[21] kkonferma li hu beda jirċievi paga mingħand missieru meta żżewweġ fl-età ta' 32 sena. Hu kkonferma li missieru tah post u hu mar jgħix fih wara li żżewweġ. Hu qal li mhux minnu li l-qbiela tar-raba' li wiret mill-familja tal-mara tiegħu kien iħallasha missieru, iżda din dejjem tħallset minnu l-konvenut. Qal li minkejja li missieru kellu makkinarju, dan kien qdiem. Qal li kien hu li bena l-garaxx biex iżomm l-inġenji fih, u li dawn l-inġenji li hemm fil-garaxx huma tiegħu. Anthony Azzopardi jikkalkula li nefaq bejn sittax u tmintax-il elf Lira Maltin (LM 16,000 - LM18,000) għax-xiri ta' dan il-makkinarju. Hu spjega li dan kien possibbli mhux biss minħabba x-xogħol tiegħu, iżda wkoll minħabba li kien hemm għajnuna min-naħa tal-familjari tal-mara tiegħu, li hi tifla waħedha. Anthony Azzopardi spjega li meta hu kien jixtri għodod u makkinarju għan-negozju ta' missieru, l-irċevuta kienet toħroġ fuq isem missieru, "jekk kellu l-irċevuta fuq ismu iva, li hemm fuq ismi ma tajthilux."

**Frans Borg** xehed[22] li l-attur qatt ma kien imur jinnegozja miegħu fuq xi għodda partikolari, u li hu min-naħa tiegħu dejjem innegozja mal-konvenut. Francis Borg jgħid li jiftakar li ġiet iffirmata rċevuta bejnu u l-konvenut meta dan xtara xi affarijiet mingħandu. Wara li tħallas ħamest elef Euro (€5000) mingħand Grezzju Azzopardi, irċieva l-kumplament (il-bilanċ tal-prezz) mingħand il-konvenut Anthony Azzopardi. Qal li b'kollox biegħ b'kemm jiswew

[21] *A fol.* 309 sa 335.
[22] Eżami *a fol.* 71 sa 79 u kontroeżami *a fol.* 353 sa 357.

għoxrin elf Lira Maltin (LM20,000) f'għodda lil Anthony Azzopardi. Il-ħamest elef Euro aċċettahom mingħand l-attur bħala parti mill-prezz, iżda qabel irċieva dawn il-ħamest elef Euro mingħand l-attur, kien irċieva somom ta' flus mingħand il-konvenut, li kien itih ammonti li jvarjaw kull xahar, u li għalihom ma kienx hemm irċevuti bejn il-partijiet. Hu kkonferma li kien hemm xhur fejn il-konvenut tah mat-tliet mitt Euro (€300) bħala parti mill-ħlas għal dawn l-inġenji.

Dwar kif dawn il-fattispeċi partikolari seħħew eżattament ukoll hemm kontradizzjonijiet kbar, *stante* li minkejja li Frans Borg xehed li hu dejjem innegozja mal-konvenut, fil-kontroeżami li sar lill-attur Grezzju Azzopardi, dan xehed li hu ma tax flus lil ibnu Anthony biex iħallas għall-inġenji li kienu ser jinxtraw mingħand Frans Borg, iżda li kien hu l-attur li mar għand Frans Borg u ħallsu, u li dan għamlu sabiex ma jiħux ir-riskju li l-konvenut jgħid li l-inġenji mhumiex tiegħu l-attur, kif kien għamel drabi oħra. Madankollu jirriżulta li n-negozjati dwar dak li kien ser jinbiegħ dan il-makkinarju u dwar il-prezz tiegħu, dejjem saru bejn Frans Borg u l-konvenut, u li l-attur qatt ma nnegozja hu ma' Frans Borg dwar x'kellu jinbiegħ u b'liema prezz. Din il-Qorti tosserva li din il-parti tax-xhieda tal-attur Grezzju Azzopardi ma kienet kredibbli xejn, *stante* li minkejja li f'dan iż-żmien li qiegħed jiddeskrivi hu, jidher li għal xi raġuni ibnu Anthony Azzopardi kien diġà tilef il-fiduċja tiegħu, tant li ma fdahx bil-ħlas tal-flus tal-inġenji mixtrija mingħand Frans Borg, madankollu f'dan iż-żmien l-konvenut kien għadu impjegat ma' missieru u kien għadu fdat bix-xiri ta' tagħmir u apparat ieħor, kif jindika r-reġistru ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża[23] fejn oħt il-konvenut allegatament kienet tirreġistra d-dħul u l-infiq

[23] *A fol.* 286.

kollu tan-negozju. Fl-istess nifs li l-attur qal li hu kien ħallas ta' kollox, hu jammetti li kien hemm bilanċ ta' flus li tħallsu mill-konvenut, tant li qal hekk, "Le, u t-tifel ma ammettiex kemm ħallas u jiena naf kemm ħallas għax lili qalli, imma jiena mhux ser ngħid." Huwa ferm inverosimili, f'kawża ta' din ix-xorta fejn hemm diverġenzi daqstant kbar fil-verżjonijiet tal-fatti li ngħataw mill-partijiet differenti, li parti li tkun taf dettall, żgħir kemm hu żgħir dwar il-parti l-oħra, tibqa' lura jew addirittura tirrifjuta li tgħidu quddiem il-Qorti, *multo magis* meta l-iżvelar ta' dan il-fatt jista' jitfa' dawl aktar ċar dwar min mill-partijiet kien li ħareġ l-akbar ammont ta' flus għax-xiri tal-oġġetti mingħand Frans Borg, u dan in vista tal-fatt li ħadd mill-partijiet ma kien kapaċi jixhed dwar kemm kien l-ammont ta' flus li tħallsu lil Frans Borg għax-xiri ta' dawn l-oġġetti. Lanqas ma jirriżulta ċar x'inhu s-siwi ta' dawn l-oġġetti għall-partijiet, *stante* li l-attur dawn l-oġġetti ddeskriviehom bħala 'gozz ħadid' u minn dak li xehed il-konvenut jidher li kien hemm oġġetti ta' siwi tant li hu ħass li bix-xiri ta' dawn l-oġġetti kien qiegħed jinvesti fil-ħidma tiegħu għall-futur.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi r-riżoluzzjoni ta' din il-kawża tippernja sew fuq il-kredibbiltà tax-xhieda u fuq min minnhom fuq bażi ta' probbabilitajiet qiegħed jgħid is-sewwa jew le. L-istampa li ta l-attur tal-mod kif jiġġestixxi n-negozju tiegħu hi waħda nieqsa minn dak id-dettall rikjest biex wieħed imexxi negozju li jirnexxielu jagħmel suċċess u jikkompeti fid-dinja tal-lum. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod pjuttost primittiv li bih l-attur jidher li kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu u kif kien iżomm rendikont tal-infiq u d-dħul tiegħu, filwaqt li tosserva li r-

reġistrazzjoni ta’ dak li jintefaq jidher li kien limitat biss għal dak l-infiq li kien jitqabbad jagħmel il-konvenut minn missieru, filwaqt li infiq ieħor minn persuni oħra anki impjegati mal-attur, jew ma kienx isir jew ma kienx jiġi rreġistrat, tant illi r-reġistru esebit fl-atti ta’ din il-kawża jidher li hu limitat biss għal erba’ snin bejn l-2008 u l-2012, u r-raġuni li ta l-attur għal dan kienet li dawn ir-*records* bdew jinżammu meta hu għokritu għajnu mill-konvenut, filwaqt li jidher li wara li l-konvenut ma baqax jaħdem fin-negozju ta’ missieru, dawn ir-*records* ma baqgħux jinżammu. Ir-raġuni għal dan mhix ċara, imma l-Qorti tinsab moralment konvinta li r-reġistru esebit kien wieħed iffabbrikat u li ma jagħtix stampa reali tal-infiq u d-dħul kollu marbut ma’ din l-azjenda, dan filwaqt li hu ċar li hemm dettalji nieqsa, bħalma hija għalkollox nieqsa evidenza oħra li tikkorrobora dak li pprova jikkonvinċi dwaru l-attur meta esebixxa l-imsemmi reġistru.

Min-naħa l-oħra din il-Qorti ma tara xejn inverosimili f’sitwazzjoni fejn xi ħadd bħall-konvenut kien bieżel biżżejjed li ħa f’idejh saħansitra raba’ li kien abbandunat, ħadem u stinka, kien kapaċi jixtri inġenji anki bl-għajnuna ta’ familjari tal-mara tiegħu sabiex ikun jista’ jiffaċilita l-ħidma tiegħu, u rnexxielu jagħmel dan. L-attur bħal donnu li ried jixħet dubju dwar l-abbiltajiet ta’ ibnu l-konvenut jekk hux vera li dan bil-paga li kien jivversalu, kienx kapaċi jixtri inġenji għax-xogħol tar-raba’ li jiswew daqstant flus. Iżda din il-Qorti tosserva li bniedem li jistinka u jaħdem it-tip ta’ xogħol li ddeskriva l-konvenut, u li kif xehed il-konvenut kellu l-għajnuna ta’ nies il-mara tiegħu, ikun kapaċi jinvesti f’għodod u inġenji anki jekk dawn jiswew eluf ta’ Euro. Il-Qorti tosserva li l-konvenut jidher li hu bniedem li ma jiddejjaqx ibati għax-xogħol, kif wara kollox ikkonferma missieru l-attur, u hu ferm aktar probabbli li ladarba x-

xogħol u t-tbatija kien qiegħed jesperjenzahom hu, ikun hu li jfittex li jinvesti f'għodod u makkinarju li jistgħu jiffaċilitawlu xogħlu. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni li ta l-konvenut tal-oġġetti li jappartjenu lilu iżda li jinsabu fil-pussess tal-attur tikkonsisti f'elenku ferm aktar elaborat u dettaljat mid-deskrizzjoni li ta l-attur li saħansitra fir-rikors promutur imressaq minnu ma tax elenku tal-oġġetti kollha li qiegħed jippretendi li jirċievi mingħand l-konvenut, u bħala raġuni għal dan semma l-mogħdija taż-żmien bejn meta nxtraw dawn l-affarijiet u ż-żmien li fih fetaħ l-azzjoni odjerna. Barra minn hekk l-konvenut kien kapaċi jippreżenta rċevuti għal numru ta' oġġetti li qiegħed jippretendi li jieħu lura mingħand l-attur missieru, liema rċevuti nħarġu f'isem il-konvenut. Dan jikkontrasta bil-kbir mas-sitwazzjoni fejn l-attur, minkejja li xehed li lill-konvenut ma baqax jafdah u beda jżomm rendikont tal-flus li jtih u tal-oġġetti li kien jitolbu jixtrilu, naqas milli jippreżenta l-irċevuti li jikkorroboraw iċ-ċifri li tniżżlu fir-reġistru esebit.

Din il-Qorti tqis illi meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[24] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[25]

Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni

---

[24] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.

[25] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.

tal-liġi x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk fis-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[26]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina vs Fithome Ltd**[27] ingħad illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[28]

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**[29], il-Qorti stabbiliet hekk:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-

[26] P.A., 30.10.2003.
[27] Q.A., 06.05.2011.
[28] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[29] P.A., 28.04.2004.

oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[30] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

[30] App. Inf., 12.04.2007.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal** ***noe vs.*** **Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino** ***pro et noe vs.*** **Joseph u Charles Fino**[31]:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri** ***vs.*** **Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit** ***vs.*** **Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo** ***vs.*** **C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu

[31] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

> jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".”[32]

Illi applikati dawn il-prinċipji mnissla minn insenjamenti ġurisprudenzjali għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, din il-Qorti tosserva li kemm minn dak li xehed l-attur, u x-xhieda mressqa minnu biex jikkorroborawh, kif ukoll mill-provi prodotti minnu, hemm diskrepanzi serji li jitfgħu dubju fuq il-veraċità ta' dak kollu li ntqal minnu. Filwaqt li din il-Qorti tosserva li l-azzjonijiet tal-missier setgħu kienu motivati minn diżappunt li l-uniku wieħed minn uliedu li kien dispost jaħdem ir-raba' b'ċertu għaqal u bżulija, iddeċieda li jaqbad triqtu u ma jibqax jaħdem aktar ma' missieru, speċjalment f'sitwazzjoni fejn il-missier kien ilu jkabbar in-negozju tiegħu għal numru ta' snin bl-isperanza li dan jitkompla minn uliedu jew minn uliedhom, ma jistax ma jiġix osservat li l-missier kien inkonsistenti u xi drabi evażiv fix-xhieda tiegħu. Hu naqas li jkun ċar mal-Qorti meta mistoqsi kemm kienet il-paga li kien iħallas lil uliedu fl-aħħar tax-xahar, dejjem jekk din il-paga kienet titħallas. L-attur kien evażiv meta mistoqsi japprofondixxi dwar ir-*records* li kien talab lil bintu Marthese tibda żżomm fir-reġistru li ġie esebit fl-atti ta' din il-kawża. Ipprova jixħet dubju dwar l-abbiltajiet ta' ġestjoni ta' flus fir-rigward ta' ibnu l-konvenut, li filwaqt li kien bniedem ħabrieki u bieżel biżżejjed biex waħdu jaħdem aktar minn erbgħin (40) tomna raba' (fuq ammissjoni tal-attur stess), u ma qatax qalbu jżid magħhom billi anki ħa l-qbiela ta' raba' tal-Gvern. Tefa' dubju dwar l-abbiltà tal-konvenut li jfaddal il-flus jew li saħansitra jonfoqhom bil-għaqal, tant li qal li ma setax ikun li kien ibnu l-konvenut li xtara l-inġenji u l-

[32] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

makkinarju mertu ta' din il-kawża, għaliex li kieku ibnu kien kapaċi jixtri dawk it-tip ta' inġenji, mela allura kien ikun ibnu l-imgħallem u mhux l-impjegat!

Il-Qorti tosserva li x-xhieda li ta l-missier fir-rigward taż-żamma tar-reġistru, li fuq ammissjoni tiegħu stess ma kienx xi reġistru miżmum bl-aktar mod akkurat, tant li l-infiq li kien isir fl-azjenda agrikola tal-attur mhux dejjem kien jiġi rreġistrat. Anzi jidher li l-uniku infiq tal-azjenda li kien irreġistrat kien proprju dak li jagħmel il-konvenut u l-ebda infiq li kien jagħmel xi impjegat ieħor jew addirittura l-attur innifsu, ma kien jitniżżel fir-reġistru. Il-mod kif kien isir il-ħlas għal dak kollu li jinxtara fin-negozju kien ripetut minn uliedu l-bniet, li iżda meta ppressati jagħtu dettalji dwar il-paga li kienu jirċievu u dwar il-mod li bih kienu jinżammu r-*records* tad-dħul u l-infiq fin-negozju inkwistjoni, dawn ma tawx verżjonijiet kredibbli, tant li ħadd minnhom ma kien kapaċi jgħid il-pagi li suppost kienu jirċievu kemm kienu, jew x'kienet ir-raġuni għaliex ir-*records* bdew jinżammu fis-sena 2008 u waqfu ħesrem fis-sena 2012. Lanqas ma ġew ippreżentati l-kopji tal-irċevuti li Marthese Azzopardi xehdet li kienet tikkopja minn fuqhom biex setgħet tikkompleta r-reġistru tagħha.

Illi min-naħa l-oħra l-konvenut kien kredibbli u konkordi ma' dak li xehdu ħutu dwar il-fatt li minkejja sigħat twal ta' xogħol u tbatija, missieru għal snin twal ma kienx joħroġ paga lil uliedu, anki jekk dawn dejjem sabu dak li kellhom bżonn, kif xehdet waħda minn ulied l-attur. Il-missier b'mentalità padronali tipika ta' żminijiet passati, kien figura tabilħaqq dominanti li filwaqt li kien jipprovdi lil uliedu l-essenzjali biex jgħixu, jieklu u jorqdu, ma jidhirx li kien

iħallashom paga xierqa għax-xogħol tagħhom, biex jekk riedu jgħixu b'mod indipendenti minnu, ikunu jistgħu jagħmlu dan.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-konvenut kien konsistenti fl-ispjegazzjoni li ta u fid-dokumentazzjoni li ppreżenta sabiex jikkorrobora x-xhieda tiegħu, tant li ppreżenta l-ftehim tal-qbiela li għamel mad-Dipartiment tal-Artijiet, l-iskrittura privata li saret bejnu u bejn Frans Borg li mingħandu jidher li nxtraw il-maġġor parti tal-inġenji mertu tal-kawża, kif ukoll il-*log books* għat-tliet *tractors* li nxtraw minnu u li l-attur jippretendi li huma tiegħu. Minn dak li xehed Frans Borg, jidher li l-akkordju bil-fomm dwar il-bejgħ ta' dawn l-inġenji u dwar il-prezz li kellu jitħallas għalihom, sar mal-konvenut, anki jekk parti mill-prezz għalihom tħallas mill-attur, li la ried jiċħad u lanqas jikkonferma li kien hemm bilanċ qawwi tal-prezz li tħallas minn ibnu l-konvenut, *stante* li xehed li għalkemm hu kien jaf ibnu l-konvenut kemm ħallas għax-xiri ta' dawn l-oġġetti, hu ma riedx jgħid lill-Qorti kemm kien il-prezz imħallas minn ibnu. Dan qiegħed jintqal anki f'konformità mar-regola ġenerali fil-liġi proċedurali Maltija li l-Qorti fil-każijiet kollha tisħaq illi ssir l-aħjar prova li parti tista' ġġib.

Tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi, il-Qorti tqis illi għandha takkolji l-kontrotalbiet tal-konvenut li t-*tractor* bil-gaffa mudell 1358, il-gaffa bil-mudell 165, il-*combined harvester* mudell M31, il-*baler John Dyer*, il-lembut taż-żrigħ tal-qamħ, il-karru tad-demel, is-sikka ta' bi tnejn, ir-*reaper* ta' 6 piedi, il-geddiesa tal-mudell Kuhn, it-tank tal-bexx bil-*liner* ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd, il-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart tal-petrol, il-mutur tal-ħart Koti-m, id-*driller* metabo tal-idejn, il-*power wash* u l-pajpijiet, *sprinklers, cocks, fittings* u partijiet simili, huma ta' u

għandhom jiġu ritornati lill-konvenut. Il-pompa tal-ħama li ġiet akkwistata mingħand ħut Frans Borg, il-mutur b'rota waħda u ż-żewġ pompi tal-ilma, dik *single phase* u dik *3 phase,* għandhom jingħataw lill-attur, jew jibqgħu miżmuma minnu *stante* l-allegazzjoni tal-konvenut li dawn diġà qegħdin fil-pussess tiegħu. L-oġġetti l-oħra li jintużaw fin-negozju tal-fjuri li oriġinarjament inbeda mill-attur, bħalma huma l-*pearl lights*, żigarelli, *switch board*, lampi, tubi u *pressure pipes* għandhom jiġu ritornati lill-attur.

Illi l-partijiet qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tillikwida d-danni li kull parti sofriet, u dan mingħajr ma nġiebet prova li tali danni pretiżi verament ġew sofferti, u kemm hu l-ammont tagħhom. Din il-Qorti tħoss li jkun ta' siwi li tissellef minn dak li stabbiliet din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza mogħtija nhar fl-ismijiet **Vincent u Carmen Schiavone vs Michael u Frances Psaila**[33], fejn intqal hekk,

> "Hu magħruf, sija fid-duttrina u sija fil-ġurisprudenza patria, li biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibbilment meħtieġ li, apparti l-prova tad-dannu arrekat, fl-ewwel lok ikun hemm ħtija u li d-dannu u l-ħtija jkunu interkonnessi intimament b'ness kawżattiv. Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Charles Gauci et vs Maria Borg Mizzi et noe (PA 25.11.2004)** fejn insibu li 'Fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarraba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni.'"

Din il-Qorti tosserva li fil-kawża odjerna, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut naqsu milli jressqu prova ta' xi telf ta' qligħ jew ta' danni materjali li sofrew

[33] P.A., 29.05.2014.

kemm dawn l-għodod damu fil-pussess tal-parti l-oħra, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tqis li m'hemmx danni x'jiġu likwidati.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

2. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat fir-risposta maħlufa tiegħu għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti u dan limitatament għall-oġġetti li ser jiġu indikati aktar 'l isfel;**

3. **Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant limitatament għall-oġġetti li ser jiġu deskritti hawn taħt, u li għandhom jiġu ritornati lill-konvenut rikonvenzjonant mill-attur rikonvenzjonat fi żmien tletin (30) ġurnata mill-għoti ta' din is-sentenza: it-*tractor* bil-gaffa mudell 1358 u l-gaffa bil-mudell 165, il-*combined harvester* mudell M31, il-*baler* John Dyer, il-lembut taż-żrigħ tal-qamħ, il-karru tad-demel, is-sikka ta' bi tnejn, ir-*reaper* ta' 6 piedi, il-geddiesa tal-mudell Kuhn, it-tank tal-bexx bil-*liner* ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd, il-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart tal-petrol, il-mutur tal-ħart Koti-m, id-*driller* metabo**

**tal-idejn, il-*power wash* u l-pajpijiet, *sprinklers, cocks, fittings* u partijiet simili;**

4. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament fir-rigward tal-pompa tal-ħama li ġiet akkwistata mingħand ħut Frans Borg, il-mutur b'rota waħda u ż-żewġ pompi tal-ilma, dik *single phase* u dik *3 phase*, kif ukoll il-*pearl lights*, żigarelli, *switch board*, lampi, tubi u *pressure pipes*, li għandhom jiġu ritornati lill-attur fi żmien tletin (30) ġurnata mill-għoti ta' din is-sentenza.**

5. **Tiċħad il-bqija tat-talbiet tal-attur.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Moqrija.